**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 28 ta' Frar, 2019**

**Rikors Nru: 87/2008 MLF**

**Perit Philip Mifsud**

**Vs**

**Brian Bonnici**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attur fejn talab li l-konvenut jiġi ikkundannat li:

1) Prevja li din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kontenut tal-ittra mqassma lil numru ta' residenti ta' Ħaż Żebbuġ fis-26 ta' Frar 2008 (Dok. A), li tagħha l-konvenut huwa l-awtur, hija libelluża u malafamanti fil-konfront tal-attur u għandha bħala skop li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tiegħu;
2) Tħallas lill-attur dik is-somma li tiddetermina din il-Qorti bħala danni morali a tenur tal-Art. 28 tal-Liġi Dwar l-Istampa (Kap. 248).

Bl-ispejjeż kontra l-partit (sic) konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut Brian Bonnici fejn eċċepixxa:

1. Illi l-ittra in kwistjoni m'hijiex libelluża fil-konfront tal-attur.
2. Illi l-istess ittra tikkonsisti f'espressjoni tal-opinjoni, u apprezzament, jew value judgement kif ukoll kritika politika dwar persuna fl-amministrazzjoni pubblika u hija fair comment fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbili kemm taħt il-liġi tal-istampa kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.
3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ippreżentati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat li minkejja li l-konvenut ingħata l-fakolta` li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet responsiva, huwa naqas li jagħmel dan.

Ikkonsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri ta' libell huma s-segwenti:

1. Fiż-żmien in kwistjoni, l-attur kien kunsillier ta' Ħaż-Żebbuġ, fil-waqt li l-konvenut kien is-Sindku tal-istess raħal.

2. Mill-provi jirriżulta li fl-2005, il-Kunsill kien kiseb il-permessi relattivi mingħand l-Awtorita` tat-Trasport biex jinstalla numru *sleeping policeman* fi Triq il-Gandlora, Ħaż-Żebbuġ. Il-permess inħareġ fuq in-numru ta' *sleeping policeman*, u mhux fuq fejn kellhom jitpoġġew, liema deċiżjoni kienet fid-diskrezzjoni tal-Kunsill Lokali. Għal xi raġuni dawn l-i*sleeping policemen* ġew istallati lejn l-aħħar tas-sena 2007.[1]

3. Il-postijiet fejn twaħħlu dawn l-i*sleeping policeman* ġew magħżula wara diskussjoni fil-Kunsill Lokali.

[1] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 42 tal-proċess.

4. Ftit ġranet wara li twaħħlu, il-konvenut flimkien ma' uħud mill-kunsilliera oħra iddeċidew – pero` mhux f'laqgħa formali tal-Kunsill - li jċaqilqu *sleeping policeman* minnhom u jmexxuha ftit bibien il-fuq quddiem il-garage appartenenti lil Concetta Azzopardi, li tiġi oħt Joseph Aquilina, li huwa *canvasser* tal-attur. Skond il-konvenut, din id-deċiżjoni ittieħdet sabiex din l-*isleeping policeman "tkun simili għall-oħrajn."*

5. Fix-xhieda tagħha Concetta Azzopardi tgħid li hija oġġezzjonat għat-twaħħil tal-*isleeping policeman* quddiem il-garaxx tagħha, għaliex din l-*isleeping policeman* ma kinietx twila biżżejjed għal wisa' tat-triq, u konsegwentement, biex jevitawha, il-vetturi kienu jgħaddu mal-ġenb tagħha u allura kienu jgħaddu viċin il-bieb tal-garage tagħha, b'mod li kienet ta' perikolu għaliha.

6. Concetta Azzopardi tgħid li hi ilmentat mal-Kunsill Lokali dwar din is-sitwazzjoni, iżda għalkemm qalulha li se jieħdu passi, baqa' ma sar xejn. Għalhekk hija marret tkellem lill-attur, li dak iż-żmien kien Kunsillier. L-attur ċempel quddiemha lill-konvenut, li dak iż-żmien kien Sindku, u qalilha li l-konvenut kien tah il-permess biex jaqilgħu l-i*sleeping policeman*, u li temporanjament titpoġġa fil-garaxx tagħha. Effettivament hekk ġara, u xi ħmistax wara ġew ħaddiema tal-Kunsill u ħaduha mill-garaxx tagħha, pero` baqgħet ma reggħetx twaħħlet.

7. L-attur ukoll xehed li, wara diversi kuntatti mas-segretarju eżekuttiv tal-Kunsill, fit-22 ta' Frar 2008, huwa ottjena l-approvazzjoni tal-konvenut bit-telefon biex jagħmel ix-xogħol hu, billi l-konvenut kien qallu li dak iż-żmien ma kellux nies biex jagħmlu x-xogħol u lanqas nies biex iġorruha. Skond l-attur kien wara li ottjena din l-approvazzjoni tal-konvenut, li huwa qabbad lil Joseph Aquilina, ħu Concetta Azzopardi biex ineħħiha minn postha, u temporanjament ipoġġiha fil-garaxx tal-istess Azzopardi.

8. Min-naħa l-oħra l-konvenut xehed li l-attur kien ċempillu meta kien fil-bini tal-Kunsill, u qallu li dak in-nhar stess l-*ispleeping policeman* trid tinqala', għax kien ilu jitlob inutilment lis-segretarju eżekuttiv sabiex jagħmel dan. Il-konvenut jgħid li hu kien wieġbu *"iva ipprova aqlagħhom imbagħad naraw x'jiġri wara"*.[2]

[2] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 42 tal-process.

9. Il-konvenut jgħid li meta sar jaf li effettivament l-*isleeping policeman* kienet inqalgħet hu kien għamel rapport mal-Pulizija. Inoltre, peress li kellu ħafna ilmenti mir-residenti għax inqagħlet l-i*spleeping policeman*, deherlu li kellu jibgħat l-ittra in kwistjoni u jqassamha lir-residenti kollha, u iffirmaha hu fil-kapaċita` tiegħu personali, sabiex *"inwieġeb għal pressjoni li kienet qed issirli minn diversi residenti."*.[3]

10. Għalkemm mhix datata, m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet, li din l-ittra intbagħtet bejn t-22 ta' Frar 2008 u d-29 ta' Frar 2008, waqt il-preparattivi għall-Elezzjoni Generali li saret f'Marzu 2008. L-attur kien kandidat f'dik l-elezzjoni, u effettivament ġie elett. Fl-istess ġurnata tal-elezzjoni ġenerali kien hemm ukoll l-elezzjoni għall-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ.

11. L-attur ħassu malfamat bil-kontenut ta' din l-ittra, u għalhekk istitwixxa l-proċeduri odjerni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

It-tlett elementi meħtieġa sabiex tirnexxi kawża ta' libell huma s-segwenti:

1. il-pubblikazzjoni;
2. l-identifikazzjoni, u
3. id-defamazzjoni.

L-ewwel żewġ elementi ma ġewx kontestati mill-konvenut, u effettivament ġew ippruvati mill-attur. Il-konvenut ammetta li kien hu li iffirma l-ittra in kwistjoni, u li iċċirkolaha lir-residenti ta' erba' toroq ta' Ħaż-Żebbuġ, indikati fl-istess ittra. Fil-fatt, ix-xhieda Concetta Azzopardi u Joseph Aquilina ikkonfermaw li huma irċevew din l-ittra.

Konsegwentement, din il-Qorti trid tiddeċiedi biss dwar jekk it-tielet element, u cioe`, dak tad-defamazzjoni, ġiex ippruvat. Il-konvenut eċċepixxa li l-ittra in kwistjoni mhix libelluża u li tikkostitwixxi *"fair comment"* fuq materja ta' interess pubbliku.

[3] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 42 tal-process.

Huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, ispirat mill-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, li persuni pubbliċi, speċjalment dawk involuti fil-politika, bħalma huwa l-attur, iridu jkunu lesti li jissottomettu ruħhom għal kritika iktar ħarxa mill-pubbliku, minn persuni privati, fid-dawl tad-dritt fundamentali tal-liberta` tal-espressjoni. Pero` min-naħa l-oħra, dan ma jfissirx li persuna pubblika m'għandhiex ukoll id-dritt li r-reputazzjoni tajba tagħha tiġi mħarsa. Din hija kwistjoni ta' bilanċ li l-Qorti trid tilħaq f'kull każ.

L-ewwel eżerċizzju li jrid isir, huwa li jiġu separati l-fatti allegati mill-konvenut fl-ittra, mill-kummenti u l-kritika li l-istess konvenut għamel fl-ittra tiegħu.

F'din l-ittra hemm numru ta' asserzjonijiet, u cioe` s-segwenti:

1. *"Il-Perit Mifsud li tul dawn l-aħħar tlett snin flok qeda dmiru fil-kunsill infexx biss f'kampanja qarrieqa u ta' tfixkil kontra l-Kunsill."*
2. *"… … (il-Perit Mifsud) ħa l-liġi b'idejh u abbuza minn proprjeta` pubblika";*
3. *"… … qala strixxa sħiħa ta' sleeping police bla permess … …";*
4. *"Tant hu partiġjan li f'kuntatt li għamel miegħi, insista li din is-sleeping police kellha titneħħa minn hemm u titpoġġa wara bieb ħaddieħor … …"*

Apparti dawn l-asserzjonijiet, hemm ukoll numru ta' kummenti dispreġġjattivi fil-konfront tal-attur, fosthom *"dishonest; bla għaqal; wiċċ tost; ma jimpurtahx mill-bżonnijiet taż-Żebbuġin; rasu tkompli tikbirlu; persuni bħal dawn ma ħaqqhom ebda fiduċja".*

Fl-opinjoni tal-Qorti, l-erbgħa asserzjonijiet li elenkat iktar 'il fuq u li għamel il-konvenut fil-konfront tal-attur, ma jikkwalfikawx bħala kummenti iżda huma allegazzjonijiet ċari ta' fatti. *"Comment is any kind of criticism, observation, animadversion, censure, estimate or other matter in the nature of an expression of judgement or opinion upon a subject of public interest."*[4] Il-Qorti tal-Appell tat l-istess definizzjoni fis-sentenza **Onor. Dr. Eddie Fenech Adami vs Onor. Dr. Alfred Sant** fuq ċitata, fejn iċċitat b'approvazzjoni lil **Gatley on Libel and Slander** *(op. cit.)* li jgħid hekk dwar l-essenza ta' kumment:
*"A comment is a statement of opinion on facts. It is comment to say that a certain act which a man has done is disgraceful or dishonourable; it is an allegation of fact to say that he did the act so criticised. "A libellous statement of fact is not a comment or criticism on*

[4] Ara s-sentenza **Regiland Miller vs Joseph J. Scorey** deċiża mill-Qorti Kriminali fis-26 ta' April 1948

*anything". But while a comment is usually a statement of opinion as to the merits or demerits of conduct, an inference of fact may also be a comment. There are, in the cases, no clear definitions of what is comment. If a statement appears to be one of opinion or conclusion, it is capable of being comment. (para. 697, pagna 294)."*

Meta l-pubblikazzjoni tkun tikkontjeni imputazzjonijiet ta' fatt, l-eċċezzjoni tal-*fair comment* ma tistax tingħata fil-konfront ta' dawk il-fatti allegati, billi tali eċċezzjoni tapplika esklussivament għall-kummenti. Il-konvenut ma eċċepiex il-verita` tal-fatti minnu allegati, u għalhekk din il-Qorti trid tiddeċiedi jekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, u cioe` li l-ittra in kwistjoni mhix libelluża fil-konfront tal-attur hix ġustifikata jew le.

L-ewwel allegazzjoni tal-konvenut hi li l-attur flok qeda dmiru ta' kunsillier fil-kunsill, infexx f'kampanja qarrieqa u ta' tfixkil kontra l-Kunsill. F'dawn il-proċeduri, il-konvenut ma ressaq l-ebda provi sabiex b'xi mod jissustanzja din l-allegazzjoni tiegħu. Ċertament li din l-allegazzjoni hija waħda malafamanti fil-konfront tal-attur.

It-tieni, it-tielet u r-raba' allegazzjonijiet tal-attur huma konnessi u se jiġu trattati flimkien. Dawn jikkonċernaw iċ-ċirkostanzi li fihom l-attur qala' l-*isleeping policeman* in kwistjoni. Kif jirriżulta mir-rassenja tal-fatti rilevanti, jirriżulta li hemm kunflitt bejn il-versjoni tal-attur u dik tal-konvenut. Filwaqt li l-attur jgħid li l-konvenut kien tah l-approvazzjoni tiegħu b'mod verbali, il-konvenut jiċħad kategorikament li hu ta l-approvazzjoni tiegħu lill-konvenut. Il-verżjoni tal-attur hija korroborata bix-xhieda ta' Concetta Azzopardi u Joseph Aquilina.

Ladarba kien il-konvenut li għamel dawn l-allegazzjonijiet, l-oneru tal-prova ta' dak li allega, jinkombi fuqu. Il-konvenut ma ressaq l-ebda xhud biex jikkorrobora l-versjoni tiegħu. Għalkemm fix-xhieda tiegħu, qal li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill kellu l-minuti relattivi għal din il-kwistjoni[5] – u ċertament dawn il-minuti setgħu jixħtu dawl fuq din il-vertenza – fis-seduta tat-2 ta' Frar 2011 huwa irrinunzja li jtella' lil dan is-Segretarju bħala xhud.[6] Inoltre, għalkemm xehed li hu għamel rapport lill-Pulizija, huwa naqas li jtella' rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jesebixxi dan ir-rapport.

[5] Ara fol. 43 tal-proċess.
[6] Ara fol. 46 tal-proċess.

Inoltre kif sewwa rrileva l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jekk l-attur ried jgħamel li jrid, għalfejn indenja ruħu li jċempel lill-konvenut, bħala Sindku, biex jottjeni l-permess tiegħu? Għaliex il-ħaddiema tal-kunsill marru jirtiraw l-i*sleeping policeman* mill-garage ta' Azzopardi u mhux mingħand l-attur, kieku veru li ma kien sar ebda ftehim minn qabel? Għaliex ma ttieħdux passi kriminali kontra Azzopardi kieku verament instabet proprjeta` pubblika fil-pussess tagħha mingħajr permess, u passi kriminali kontra l-attur *inter alia* talli ikkommetta r-reat ta' *ragion fattasi?*

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-konvenut ċertament ma rnexxielux jipprova dawn it-tlett allegazzjonijiet li hu għamel sal-grad rikjest fil-kamp ċivili.

Rigward it-tieni eċċezzjoni ta' *fair comment*, dawn il-Qrati kostantement irritenew li sabiex din l-eċċezzjoni tirnexxi, *"il-kritika trid tkun ibbażata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri".* (sottolinear tal-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza **Mons. Anton Gauci vs Michael Schiavone et**, deċiża fit-8 ta' Novembru 1995. Ara wkoll fl-istess sens **Anglu Fenech vs Carmel Callus** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Frar 1994, u s-sentenza **L-Onorevoli Lorry Sant M.P vs Victor Camilleri et**, deċiża in prim'istanza fid-29 ta' Novembru 1991, u konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar 1994.)

Ladarba, l-fatti allegati mill-attur ma ġewx sostanzjalment ippruvati, din l-eċċezzjoni ma għandha l-ebda bażi legali, u se tiġi riġettata.

Rigward il-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni li l-pubblikazzjoni saret ftit ġranet qabel l-elezzjonijiet ġenerali tat-8 ta' Marzu 2008. L-attur kien kandidat f'dawn l-elezzjonijiet fuq id-distrett li jikkomprendi Ħaż-Żebbuġ. Qari tal-ittra in kwistjoni ma jħalli l-ebda dubbju illi kienet intiża unikament biex tgħamel ħsara lill-attur mal-elettorat li kien sejjer jgħazel id-deputati tiegħu ftit ġranet wara. Dan joħroġ ċar mill-kliem *"Aħseb u ara x'jagħmel u kemm rasu tikbirlu jekk ikun elett fil-parlament. Persuni bħal dawn ma ħaqqhom l-ebda fiduċja."*. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-attur, li għalkemm l-attur ġie elett fil-Parlament, dan ma jnaqqas xejn mill-ħsara intiża, għalkemm ma tistax tispekula kinietx laħqet l-iskop tagħha jew le. Min-naħa l-oħra, mill-ittra innifisha jirriżulta – u dan ma ġie bl-ebda mod kontradett mill-attur – li l-ittra kienet indirizzata u jidher li ntbagħtet lir-residenti ta' erba' toroq biss f'Ħż-Żebbuġ – preżubilment dawk it-toroq affettwati bit-tneħħija tal-i*sleeping policeman."*

**Konkluzjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-attur, u:

1. tiddikjara illi l-kontenut tal-ittra mqassma lil numru ta' residenti ta' Ħaż-Żebbuġ fis-26 ta' Frar 2008, li tagħha l-konvenut huwa l-awtur, hija libelluża u malafamanti fil-konfront tal-attur u għandha bħala skop li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tiegħu,
2. tikkundanna lill-konvenut, iħallas lill-attur is-somma ta' elf Euro (€1000), bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, u dan ai termini tal-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta), li hu l-Att applikabbli għal dawn il-proċeduri in forza tal-Artikolu 33 tal-Att XI tal-2018.

L-ispejjeż kollha in konnesjoni ma' dawn il-proċeduri għandhom jiġu subiti mill-konvenut.

**Dr Marse-Ann Farrugia**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**